Kunsill Lokali Ħal Balzan

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Urġenti Numru 15

Data tal-laqgħa: 4 ta' Ġunju 2020

Il-laqgħa nżammet *online* permezz ta' *Microsoft Teams,* nhar il-Ħamis, 4 ta' Ġunju 2020 fl-4.00pm.

Minħabba s-sitwazzjoni preżenti tal-COVID-19, il-laqgħa ma ġietx imxandra *live* fuq l-*internet* u lanqas kienet miftuħa għall-pubbliku.

### PREŻENTI:
Nutar Ian Spiteri – Sindku
Dr Angelo Micallef – Viċi Sindku
Stephen Gatt – Kunsillier
Mary Louise Briffa – Kunsillier
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku, in-Nutar Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 15.1 *One-Way System* fi Triq Ġużeʼ Bonnici u t-toroq tal-madwar

15.1.1 Fil-laqgħa taʼ Novembru 2019, il-Kunsill kien qabel li jevalwa s-sitwazzjoni hekk kif jitlestew ix-xogħlijiet fʼWied Ħal Balzan. Peress li bdew xogħlijiet taʼ kostruzzjoni fʼsit fi Triq l-Annunzjata k/m Triq Wiġi Ebejer, numru taʼ residenti talbu li l-Kunsill jneħħi il-*One-Way System* u mmorru lura għas-sistema taʼ *two-way* kif kienet qabel bʼmod permanenti. Il-Kunsilliera qablu li din il-materja għandha bżonn tiġi diskussa mmedjatament u għalhekk ġiet imsejjħa din il-laqgħa urġenti.

15.1.2 Is-Sindku spjega li għalkemm kienet evidenti li hemm problema, hu kien kontra din il-*one-way system* u għalhekk kien ressaq proposta oħra biex it-triq tiġi *one-way* bil-kontra għall-vetturi kollha minbarra *route buses.* Din il-proposta ma ġietx approvata mill-Kunsill preċedenti.

15.1.3 Ġie rrimarkat li issa bl-iżvilupp taʼ Benrikville u żviluppi oħra fiż-żona, il-vetturi ser jiżdiedu u għalhekk hemm bżonn taʼ soluzzjoni biex jitnaqqas l-ammont taʼ vetturi miż-żona. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien oġġezzjoni għal dan l-iżvilupp però l-permess mill-PA xorta ħareġ għax għalkemm jinsab fil-*village core* mhux fʼ*UCA*. Issa li ħareġ il-permess, ix-xogħol irid isir.

15.1.4 Il-Kunsill iddiskuta fid-dettall il-proposta tas-Sindku, li Triq Ġużeʼ Bonnici ssir *one-way* bil-kontra għall-vetturi kollha minbarra *route buses*. Bʼdan il-mod il-*pressure* jinqasam fuq numru taʼ toroq oħra u mhux fuq triq waħda.

15.1.5 Il-Kunsillier Mary Louise Briffa qalet li hemm numru taʼ garaxxijiet li jistaʼ jkun li jkollhom diffikultà biex jidħlu / joħorġu mill-garaxx jekk it-triq issir *one-way* bil-kontra. Dwar dan se ssir spezzjoni fuq il-post.

15.1.6 Is-SE ser tipprepara *site plan* skond il-prososta tas-Sindku u tintbagħat lill-Kunsilliera biex tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss. Is-Sindku stieden lill-Kunsilliera biex jekk ikollhom xi proposta oħra jressquhom ukoll. Ser jiġi diskuss ukoll il-proċess taʼ konsultazzjoni.

15.1.7 Il-laqgħa ntemmet fl-4.40pm.

Konfermati, illum it-Tnejn, 22 taʼ Ġunju 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Nutar Ian Spiteri<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |